MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Appell Kriminali Numru. 9/2006

**Il-Pulizija**
**(Supt. N. Harrison)**
**Vs**

**Keith Stagno Navarro**

**Il-Qorti;**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, fis-7 t'Ottubru 1998 u matul l-aħħar xhur qabel dina d-data :**

1) **Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-**

**impotazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-Raba' u tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza u meta m kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma keinx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieħgu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussewgwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema, droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;**
2) **u li kkommetta dawn ir-reati fi jew f'distanza ta' mitt (100) metru minn skola, klabb, jew post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ;**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar, 2006, li biha, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(1B) tal-Kap. 101 kif ukoll ir-regolament 9 tal-G.N. 292/1939, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih, izda mhux tal-aggravanti, w ikkundannatu ghal disa' (9) xhur prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt lira Maltija (LM500) li jistghu jithallsu bir-rata ta' LM25 fix-xahar.
Il-Qorti ma kkundannatx lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-espert Joseph Bongailas ai termini tal-artikolu 533 ghax minkejja li nstabet htija, r-rizultat moghti mill-espert fl-ezami komparattiv kien negattiv. Lanqas ma kkundannatu jhallas l-ispejjez tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud minhabba li dan tqabbad bhala espert matul l-inkjesta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' Jannar, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi :
a) tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati tal-aggravanti li kkommetta dawn ir-reati fi jew f'distanza ta' mitt (100) metru minn skola, klabb jew post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh;

tikkonfermaha fejn ma kkundannatux ghall-hlas tal-ispejjez skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9;
b) thassaraha w tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u cioe' ta' pussess aggravat – pussess ta' droga liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu, u kwindi tiddikjarah mhux hati taghha w tilliberah skond il-ligi;

Subordinatament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe':- 1. li l-kaz tal-prosekuzzjoni ma giex pruvat sal-grad rikjest mill-ligi ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-aggravju li s-sustanza kokajina li nstabet kienet intiza ghall-ispacc. Illi l-punt ta' divergenza jinsab fuq l-apprezzament tal-fatti li wasslu lill-Ewwel Qorti tikkondludi li l-appellant kellu l-kontroll fuq din is-sustanza u li huwa hati ta' pussess aggravat. Li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx bizzejjed l-isfond tal-post fejn instabet is-sustanza illecita, u cioe' gewwa kexxun fil-kcina tal-bar tal-kazin, post li zgur ma jistax jitqies bhala wiehed privat, wisq aktar meta paragunat ma postijiet ohra bhal per ezempju kexxun fil-kamra tas-sodda. Zgur li terzi persuni ta' karattri diversi kellhom il-facilita' ta' access ghal post. Li l-appellant ma kienx jiggestixxi l-bar wahdu. Is-sustanza ma nstabitx fuq il-persuna tal-appellant u it-tqabbil tal-impronti digitali rrizulta fin-negattiv. Illi l-post kien jintuza ukoll mill-kumitat tal-kazin. Il-fatt ammess mill-appellant li hu f' xi zmien qabel kien jabbuza mid-droga ma kellux iwassal ghas-sejbien ta' htija.  2. li anki jekk l-appellant kellu jirrispondi ghall-pussess effettiv tal-kokajina, r-rizultanzi processwali ma jaghtux indikazzjonijiet sufficjenti li juru li din is-sustanza kienet intiza ghal-ispacc.  L-ammont ta' droga li instabet u cioe' 7% ta' 7.589 grammi w il-fatt li dawn kienu fi qratas ma jwassalx ghall-tali konkluzzjoni ta' htija, izda huma indikazzjoni li din id-droga kienet ser tintuza ghall-

konsum personali. Ma nstabux oggetti bhal mizien jew imqass li jintuzaw fl-ispaccar. 3. Li l-piena tista' tigi sostitwita b' sanzjoni ohra aktar miti jew hi wahda li ghaliha jista' jkun hemm temperament xieraq.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

**Illi l-ewwel zewg aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu**

**tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."*** **(Ara wkoll** BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **(1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt", **deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…… , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament ."*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-imputazzjoni ta' pussess tad-droga kokajina w dan bl-aggravanti li tali pussess kien taht cirkostanzi tali li jindika li ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant.

**Ikkonsidrat;**

**Mix-xhieda tas-**Supratendent Neil Harrison**, irrizulta li fil-bidu t' Ottubru, 1998, il-Pulizija kellha informazzjoni li fil-kazin tal-Banda ta' Stella Maris f' tas-Sliema, l-barman seta' kien involut fid-droga. Fis-7 t' Ottubru, 1998, ghall-habta tas-6 pm, hu baghat erba pulizija sabiex jaghmlu tfittxija f' dan il-kazin. Il-Pulizija hemm sabu lill-appellant. Saret *strip search* fuqu li rrizultat fin-negattiv. Pero' f' kamra li tigi wara l-bar, f' kexxun, il-Pulizija sabu madwar ghaxar qratas li dehru li kien fihom trab li kien suspettat li kienet kokajina. Sussegwentement saret tfittxija fir-residenza tal-appellant minn fejn gew elevati xi karti li setghu kienu jixbhu lill-karti li l-qratas kienu maghmulin minnhom.Wara l-appellant ghamel l-istqarrija li ghaliha ser issir riferenza dettaljata fil-paragrafi li gejjin.**

PC 579 Antoine Micallef**,** PC 1044 Gordon Calleja**,** PC 526 Jason Caruana **u** PC 123 Saviour Galea**, kollha xehdu dwar it-tfittxija fil-kazin u x' instab u kif instab. Qalu li l-appellant kien fil-bar jew wara l-bank jew hdejh u li kien hemm ukoll hdejn jew wara l-bank certu Norbert Panzavecchia (llum mejjet).**

**Illi mir-relazzjoni tal-espert** Spizjar Mario Mifsud**, jirrizulta li fl-ghaxar qratas li nstabu kien hemm ammont nett totali ta' 7.589 grammi kokajina. L-ezamijiet ghall-*mechanical fit* bejn il-karti tal-qratas u l-karti tan-*note books* u l-karti ohra elevati mid-dar tal-appellant taw rizultat negattiv. Fid-depozizzjoni tieghu l-istess Spizjar Mifsud donnu qal li seba fil-mija (7%) biss ta' dan l-ammont jew piz kienet kokajina, ghalkemm x' qal jew x' ried jghid ezatt la kien car ghall-Ewwel Qorti w lanqas mhu car ghal din il-Qorti.**

Illi fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija (fol. 17 u 18 tal-process) l-appellant "*inter alia*" qal li hu kien ha l-bar tal-kazin tal-banda ta' Stella Maris ta' tas-Sliema fll-5 ta' Frar, 1998, b' kuntratt ta' sena. Hemm kien jghinu certu Norbert

Panzavecchia li ghandu 55 sena w li hu sar jafu minn hemmhekk. Hu kien jiftah bejn l-10am u 1pm u bejn 5pm u 11pm kulljum. Hu ghandu x’ jaqsam biss mall-bar, mal-kcina w mal-istore li hemm maghha. Il-bar jissakkar b’ katnazz. Hu mill-bar joffri xi *snacks* ukoll. Il-kcina li hi parti mill-bar juzaha hu biss hlief meta jaghmlu xi ikla tal-kumitat tal-kazin. Pero’ kien ilha ma ssir ikla hemmhekk. L-access ghall-kcina huwa minn wara l-bar. Maghha hemm *boxroom* zghira li ukoll jiehu hsiebha hu. Minn barra Panzavecchia kien jghinu fil-bar certu Michele Borg, imma dan sa xaharejn qabel li kien qed jaghmel l-istqarrija fid-9 t’ Ottubru, 1998, pero’ ma baqax. Mill-bqija hadd ma jghinu. Hemmhekk imorru nies zaghzagh maskili w rgiel biss. Ftit tal-granet qabel hu kien ghamel tabella mall-bar biex hadd ma jidhol wara l-bar u kellu ordni mill-kumitat tal-kazin biex jaghmel dan.

**Zied jghid li meta jumejn qabel saret tfittxija fil-bar hu kien prezenti w nstabu ghaxar qratas kontenenti trab safrani car go kexxun gol-istore room. Wara saret tfittxija ukoll fid-dar tieghu fejn gew elevati xi karti vojta b’ xi tpingija tat-tifel fuqhom. Hu gieli jiehu d-droga kokajina. Drogi ohra qatt ma uza. L-ewwel darba li ha l-kokajina kien xi sentejn qabel u l-ahhar li kien ha kien xi tlitt gimghat qabel ma kien qed jaghmel l-istqarrija. Generalment hu jiehu l-kokajina meta jmur Paceville jiehu xi drink u jmur johodha go xi toilet ta’ xi bar. Mistoqsi jekk hu qattx ta jew biegh droga lil xi hadd, wiegeb li iva. Gieli jkun Paceville, jigi xi hadd fuqu li jkun irid il-kokajina w ma jkunx jaf minn fejn jixtri u hu jmur jixtrilhielhom. Ta’ dan jatuh zewg linji cocain. Ma zvelax isimmhom ghax generalment dawn ikunu hbieb tieghu. Lanqas ried jghid minn ghand min jixtri hu. Cahad li hu jbiegh il-kokajina. Hu ma jafhomx in-nies li minn ghandhom jixtri l-kokajina.**

**Meta l-appellant xehed quddiem l-Ewwel Qorti , bidel diversi aspetti tal-istqarrija tieghu . Partikolarment hu qal li meta hu kien ikun il-Luxol, kien joqghod fil-bar dan Norbert Panzavecchia li mieghu kienu jigu certi nies li hu ma tantx kien jafhom. Dawn kienu jidhlu fil-**

**bar li kellu zewg entraturi . Qal li l-aktar li kien jghaddi hin fil-kcina kien Panzavecchia, li kien jiehu hsieb kollox meta hu jkun il-Luxol. Qal li l-kexxun ma kellux cavetta w li hu qatt ma kien uzah u li dal-kexxun kien juzah Panzavecchia. Xehed ukoll li kien jahdem mieghu Michele Borg li dam jahdem mieghu sa xahar qabel ma sar il-kaz. Il-Kumitat kien ordna li ma jidhlux aktar nies wara l-bar u s-Segretarju kien qallu biex jaghmel tabella halli ma jidhlux nies wara l-bar. Cahad li hu qatt kellu problema ta' droga.**

**Umbaghad qal li meta fl-istqarrija semma li kien jiehu xi zewg linji kokajina, dan kien fil-1992 jew 1993. Hu kien ikun jaf per ezempju bniedem li kien ikollu u kien jghid lil haddiehor li dik il-persuna kien ikollha u kien imur maghhom biex jurihom min kien. Hu qatt ma kien ihallas flus u kienu jiddiljaw l-ohrajn. Hu qatt ma biegh. Hu qatt ma uza l-kxaxen fejn instabet il-kokajina.**

**Meta l-imputat appellant gie konfrontat mall-istqarrija tieghu, fejn fost affarijiet ohra kien qal li kien jiehu l-kokajina minn xi sentejn qabel cioe' mill-1996 u lil-ahhar li kien ha kien xi tlitt gimghat qabel il-kaz, l-appellant qal li hemm zball u meta l-Prosekutur staqsieh *"Allura meta hadt l-ahhar?"* , hu wiegeb : *"I can't remember."***

**Ix-xhieda prodotti mid-difiza,** David Sant, Lino Zahra **u** Karl Zahra**, ufficjali jew membri tal-kazin tal-banda, qalu li hemm wara l-bar kien ikun hemm ukoll Norbert Panzavecchia w certu Michele Borg li kien ha l-kuntratt mall-appellant. Qalu li Panzavecchia kien joqghod mall-bar meta l-appellant ma kienx ikun hemm.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi ma hemmx dubju li d-droga kokajina nstabet f' post li kien jaqa' taht il-kontroll effettiv tal-appellant, pero' dan mhux bizzejjed biex jirrizuilta pruvat ir-reat in dizamina w jrid ukoll jirrizulta l-element tax-<u>xjenza</u>**

**li f'dan il-post kien hemm id-droga. Din trid tirrizulta jew mic-cirkostanzi jew minn xi ammissjoni da parti tal-persuna akkuzata. Dan ghaliex mhux eskluz li f' post li fuqu persuna jista' ikollha l-kontroll anki esklussiv, li persuna ohra, ad insaputa tal-persuna li jkollha l-kontroll, tkun poggiet jew hbiet xi droga jew sustanza illecita. Hekk per ezempju wiehed jista' jkollu kontroll effettiv u esklussiv fuq karozza ipparkjatha registrata fuq ismu imma ma jkunx jaf li xi hadd, ad insaputa tieghu, ikun tefghalu nitfa droga mix-xaqq tat-tieqa miftuha, biex forsi jinkriminah. L-istess missier li ghandu l-kontroll fuq ir-residenza tieghu ma jistax jinstab hati ta' pussess ta' droga jekk per ezempju ad insaputa tieghu , wiehed minn uliedu li jghix mieghu jkun dahhal droga u hbieha jew zammha f' daru. Ghalhekk mhux bizzejjed li jigi pruvat il-kontroll effettiv jew sahansitra esklussiv fuq xi post, imma jrid jigi pruvat, sal-grad tac-certezza morali, l-element tas-*scienter,* cioe' li jkun konsapevoli li f' dak il-post li jaqa' taht il-kontroll tieghu attwalment hemm id-droga. L-Ewwel Qorti jidher li m'ghamlitx distinzjoni bejn il-kuncett tal-pussess kostruttiv tad-droga w cioe' meta ghalkemm id-droga ma tkunx fil-pussess fiziku ta' dak li jkun, tkun f' fost fejn hu jkollu l-kontroll effettiv u l-kuncett ta' pussess effettiv jew kontroll ta' post. F' ta' l-ewwel, element essenzjali hu dejjem l-element tax-xjenza dwar l-ezistenza tad-droga f' dak il-post u, jekk ma jigix pruvat dan l-element, ma tistax tinstab htija.**

**Ikkonsidrat;**

**Li hu stramb hafna li waqt l-istqarrija, ma jidhirx li saret *"point blank*" lill-appellant id-domanda jekk dik id-droga kienetx tieghu jew kienx jaf biha. Dan donnu ttiehed "*for granted"* mill-ufficjal investigatur, forsi ukoll ghax l-appellant kien iddikjara li l-ambjent tal-bar u ta' wara l-bar kien jaghmel minnhom hu. Izda kien ikun ferm ahjar kieku din id-domanda saret u nkisbet twegiba ghaliha. Ghalhekk ladarba fl-istqarrija la hemm ammissjoni jekk id-droga misjuba kienetx tal-appellant jew cahda, w fl-assenza ta' xhieda okulari li**

**raw lill-appellant ikollu x' jaqsam fizikament ma din id-droga, din ix-xjenza tista' tigi dezunta biss mic-cirkostanzi.**

**Issa f'dan il-kaz, ghalkemm l-appellant kien ilu jopera l-bar bl-ambjenti tal-kcina u store li jaghmlu mieghu ghal numru ta' xhur, hu jsostni li qatt ma kien uza l-kxaxen li f' wiehed minnhom instabu l-qratas. Jirrizulta ukoll li ghal xi zmien kien hemm jghinu lill-appellant fil-gestjoni tal-bar kemm Michele Borg li kien ha l-kuntratt mieghu kif ukoll ghal hinijiet twal Norbert Panzavecchia, llum mejjet. Mill-provi rrizulta ukoll li gieli dahlu xi nies ohra fl-ambjenti ta' wara l-bar, tant li l-Kumitat tal-Kazin hass li ghandu jghid lill-appellant biex iwahhal tabella biex dan ma jippermettiex li jibqa' jsir.**

**F'dan l-istat tal-provi ghalhekk, mhux eskluz – ghall-inqas sal-grad tal-probabbli – li din id-droga seta' poggiha fil-kexxun xi hadd iehor bla ma kien jaf biha l-appellant. Wiehed ma jistax jassumi li l-appellant, ghax ha l-kuntratt tal-bar, kellu ghalfejn jiftah il-kxaxen kollha ta' l-ambjenti ta' wara l-bar u, anki jekk seta' ghamel dan fil-bidu, lanqas ma wiehed ghandu jew jista' jassumi li baqa' jiftah il-kxaxen regolarment biex jara x' fihom, jekk, kif qal hu, w ma gie kontradett minn hadd,  dawn ma kienx juzhom. Ghalhekk ma jistax jigi eskluz b' certezza morali li d-droga seta' poggiha hemm Panzavecchia jew Michele Borg jew terzi injoti li kienu jidhlu hemm u li l-appellant verament ma kienx jaf biha. Kbir kemm hu kbir is-suspett li jipponta lejn l-appellant, dejjem jibqa' f'mohh din il-Qorti dak il-*"lurking doubt"* jekk kienx hemm l-element tax-xjenza da parti tal-appellant, stante li hemmhekk kien accessbbli ghal haddiehor ukoll.**

**Ghalhekk l-imputazzjoni tal-pussess aggravat tad-droga kokajina, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma tistax treggi fuq is-sejba tad-droga li saret fil-kazin tal-banda ta' Stella Maris, ghab-bazi tal-provi prodotti.**

**Ikkonsidrat;**

**Pero', fil-fehma ta' din il-Qorti fl-istqarrija tal-appellant hemm ammissjoni kategorika da parti tal-istess appellant li bejn il-1996 u xi tlitt gimghat qabel ma gie arrestat fis-7 t' Ottubru, 1998, hu kien jabbuza mid-droga kokajina. Qal x' qal fid-depozizzjoni tieghu, fejn ipprova - b'mod fjakk ghall-ahhar - jaghmel *"damage control exercise"* biex jipprova jannjenta l-ammissjoni tieghu, din il-Qorti hija tal-fehma li dak li qal l-appellant fl-istqarrija hija l-verita' w li l-pussess tal-kokajina kien wiehed mhux li jirrisali ghal xi hames snin qabel - kif ipprova jaghti l-impressjoini l-appellant fix-xhieda tieghu - imma addirittura kien jirrisali ghal xi tlitt gimghat qabel l-arrest u ergo kien kopert bil-periodu taz-zmien indikat fl-akkuza. Hawn issa ghandna l-prova regina tal-htija w cioe' l-ammissjoni w ma jistax u m'ghandux ikun hemm dubju dettat mir-raguni. L-allegazzjoni bil-gurament tal-appellant li dak li hemm fl-istqarrija dwar iz-zmien kien zball mhux attendibbli w ghandha tigi skartata. Ghalhekk l-akkuza tal-pussess tad-droga kokajina tirrizulta pjenament mill-istess stqarrija tal-appellant b' riferenza ghad-droga li hu ammetta li kien jiehu biex juzha hu f' xi okkazzjonjiet.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi fl-istqarrija wkoll hemm ammissjoni tal-appellant li hu kien ipprokura jew ibiegh d-droga kokajina lil terzi meta qal li gieli kien ikun Paceville, jmur xi hadd fuqu, li jkun irid il-kokajina u ma jkunx jaf minn fejn jixtri u kien imur jixtrilhom hu. Ta' dan dawn in-nies li generalment kienu jkunu xi hbieb tieghu in rikompens kienu jaghtuh xi zewg linji cocain. Anki hawn hu ipprova jghatti x-xemx bl-gharbiel biex jipprova jizgancja ruhu mill-effetti ta' din l-ammissjoni, billi qal li per ezempju kien ikun jaf bniedem li kien ikollu u kien jghidilhom dak hekk ghandu u kien imur maghhom biex "jurih min kien". Qal ukoll li ma kienx ihallas il-flus hu u kienu jiddiljaw l-ohrajn.**

**Issa ghalkemm b' din l-ammissjoini, anki kif giet irtokkata w imsewwija fid-depozizzjoni tieghu, l-appellant gie xorta wahda qed jinkrimina ruhu tar-reat ta' pprokurar ta' droga kokajina, kif mahsub fl-art. 11 u kif definit fl-artikolu 22 (1) (1B), tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101), fejn il-kelma "traffikar" tinkludi ukoll l-ghoti ta'informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' medicina bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-istess Ordinanza, dan – kif johrog mill-artikolu 22 (2) (b)(i) tal-istess Ordinanza, huwa reat differenti minn dak li bih gie akkuzat l-appellant u cioe' ta' pussess aggravat u ma jidhirx li huwa wiehed mir-reati li tista' tinstab htija tieghu bhala kap alternattiv jew addirittura bhala reat kompriz u involut fl-akkuza ta' pussess aggravat. Ghalhekk din il-Qorti, f' dan l-istadju, nonostante din l-ammissjoni, ma tistax issib htija ta' traffikar tas-sustanza kokajina ghax – stranament u minkejja li dar-reat kien jirrizulta mill-istess stqarrija li kellha f' idejha l-Prosekuzzjoni meta giet biex tipprocedi kontra l-appellant – ma akkuzatux bi traffikar imma biss b' pussess aggravat, li ghalkemm igib l-istess piena, skond l-art. 22 (2) (b) (i), hu reat ghal kollox differenti, li johrog minn artikoli differenti tal-ligi, kif fuq intqal.**

**Konsegwentement din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz ikollha bil-fors tiddisturba l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti u tirriskontra biss htija ta' pussess semplici tad-droga kokajina, u dan biss b' riferenza ghal dak li ammetta l-istess appellant fl-istqarrija tieghu w cioe' li kien jabbuza mid-droga kokajina bejn is-sena 1996 sa xi tlitt gimghat qabel is-7 t' Ottubru, 1998.**

**Dan necessarjament jimplika li jrid ikun hemm temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti, stante li l-piena applikabbli ma tibqax dik tassattivament ta' prigunerija kontemplata fis-sub-sub inciz (i) tal-artikolu 22 (2) (b) imma fis-sub-sub inciz (ii), fejn tista' tinghata ukoll piena pekunjarja biss.**

**Inoltre, in vista’ tal-fatt li sa meta gie kommess ir-reat in dizamina, l-appellant kien instab hati biss ta’ zewg kontravvenzjonjiet ta’ natura amministrattiva w minn dak iz-zmien ‘ l hawn – periodu ta’ tmin snin - ma nstabx hati ta’ reati relatati mad-droga w, stante ukoll li kif irriteniet l-Ewwel Qorti stess, jirrizulta li l-appellant kien bidel hajtu u llum issetilja, jidher opportun li tigi applikata sanzjoni pekunjarja biss kif permess fil-ligi, sia pure fil-massimu taghha, biex isservi ta’ lezzjoni lill-appellant.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta’ pussess tad-droga kokajina taht cirkostanzi tali li jindikaw li tali pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu w ikkundannatu ghall-disa (9) xhur prigunerija w ghall-hlas ta’ multa ta’ hames mitt lira Maltija (LM500) pagabbli bir-rata ta’ Lm25 fix-xahar u minnflok tilliberah minn din l-akkuza ta’ pussess aggravat u mill-piena karcerarja u pekunjarja relattiva, izda issibu hati ta’ pussess (semplici) tad-droga kokajina w tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ elf lira Maltin (LM1000), li jekk ma tithallasx minnufieh, tigi konvertita awtomatikament f’ sitt xhur prigunerija a tenur tal-artikolu 11 (3) tal-Kap.9 u tal-proviso tal-istess artikolu;  w tikkonferma l-istess sentenza fil-kumplament taghha w cioe’ fejn ma sabitx lill-appellant hati tal-aggravanti li tali reat ta’ pussess kien f’ distanza ta’ mitt metru minn skola, klabb jew post iehor fejn jiltaqghu iz-zaghzagh u fejn ma kkundannatx lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-perizji u fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-registratur - biz-zieda li dan ikun irid isir bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud u bl-ordni lir-Registratur tal-Qrati li jaghmel verbal tal-istess distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-appellant.**

**Joseph G. Galea Debono.**
Imhallef.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------